4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/ pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/ dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta'

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the Class/Stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.8 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities,

dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni ta' Kap (Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti), Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Mejju, 2021. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of Head (Office of the Permanent Secretary), Ministry for Senior Citizens and Active Ageing through the Online Government Recruitment Portal **only** (http://recruitment.gov.mt). Applications are to include Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 21st May, 2021. A computer generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mill-Minsteru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva (Att: Manager II (Riżorsi Umani) Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, Triq l-Imdina, Ħal Qormi QRM 9014. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (www.activeageing.gov.mt) u (hrelderly.msca@gov.mt).

Is-7 ta' Mejju, 2021

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Assistent Amministrattiv Part-time

Espressjoni ta' Interess – Ref: RFQ/FES/008/2021

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) qiegħda tippubblika din is-sejħa bl-iskop li tidentifika persuni eliġibbli biex jissottomettu l-interess tagħhom għall-għoti ta' servizz ta' Assistent Amministrattiv fuq bażi part-time. Il-vakanza hija għal perjodu definit ta' sitt xhur b'massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa tipprovdi servizz fuq bażi self-employed u trid tagħti servizz fl-uffiċċju prinċipali tal-entità u fiċ-ċentri ta' Childcare, Klabb 3-16 u Skolasajf.

Aktar informazzjoni dwar din l-Espressjoni ta' Interess tista' tinkiseb minn (https://fes.gov.mt/en/Pages/procurement.aspx).

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (procurement.fes@gov.mt) bin-numru ta' referenza li jidher hawn fuq u għandhom jinkludu dawn id-dokumenti:

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Ministry for Senior Citizens and Active Ageing (Att: Manager II (Human Resources) Active Ageing and Community Care, Triq l-Imdina, Ħal Qormi QRM 9014. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department/Division/Directorate are (www.activeageing.gov.mt) and (hrelderly.msca@gov.mt).

7th May, 2021

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Part-time Administration Assistant

Expression of Interest – Ref: RFQ/FES/008/2021

The Foundation for Educational Services (FES) is hereby publishing this call with the purpose of identifying eligible applicants to submit their interest to provide Administrative Assistant duties on a part-time basis. The post is for a definite period of six months up to a maximum of 20 hours per week. The selected applicant shall provide the service on self-employed basis and shall be required to provide support to the entity's Head Office, Childcare Centres, Klabb 3-16 Centres and Skolasajf Centres.

More information about this Expression of Interest can be obtained from (https://fes.gov.mt/en/Pages/procurement.aspx).

Applications are to be sent via email to (procurement.fes@gov.mt) quoting the Reference Number stipulated above and including the following documentation:

CV dettaljat;

ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija datat mhux aktar minn sitt (6) xhur mid-data tal-applikazzjoni;

kopji taċ-ċertifikati oriġinali;

employment record history maħruġ minn Jobsplus, dokumenti oħra relatati u l-kriterji ta' eleġibbiltà kollha kif jidhru fi klawsola 4 tad-dokument tas-sejħa ppubblikat fi s-sit elettroniku tal-FES.

Din is-sejħa tagħlaq il-Ġimgħa, 21 ta' Mejju, 2021.

Is-7 ta' Mejju, 2021

a detailed CV;

a certificate of conduct issued by the Police dated not earlier than six (6) months from date of application;

copies of the original certificates;

employment record history from Jobsplus, and all other supporting documents and all eligibility requirements listed in clause 4 of the RFQ document published on FES website.

Deadline for quotations is Friday, 21st May, 2021.

7th May, 2021

ŻFINMALTA

Avviż ta' Awdizzjoni – ŻfinMalta

Il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin
Direzzjoni artistika ta' Paolo Mangiola

Żfin Malta se tkun qed tagħmel awdizzjonijiet għal apprentisti maskili u femminili, u żeffien maskili.

Iż-żeffiena għandu jkollhom kordinazzjoni eċċellenti, bażi b'saħħitha fil-ballet klassiku u fiż-żfin kontemporanju, kif ukoll ikunu kapaċi jadattaw faċilment għall-metodi u stili differenti użati minn koreografi varji.

Kunfidenza fil-pointe work hija essenzjali għaż-żeffiena femminili.

L-applikanti huma mitluba jibagħtu ritratti (wieħed tal-wiċċ u ieħor tal-persuna sħiħa), flimkien ma' CV u vidjow qasir ta' mhux iktar minn żewġ minuti lil (vacancies@zfinmalta.org).

L-applikanti li jgħaddu mill-ewwel selezzjoni jiġu mistiedna jattendu awdizzjonijiet fil-5 u s-6 ta' Ġunju, 2021, fl-istudios ta' ŻfinMalta, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta.

Iż-żeffiena li jintgħażlu jingħataw kuntratt tax-xogħol biex jingħaqdu ma' ŻfinMalta – il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin, minn Settembru 2021 sa Lulju 2022.

Is-sejħa għall-apprentisti hija miftuħa għal ċittadinin Maltin biss filwaqt li s-sejħa għal żeffien maskili hija miftuħa għal ċittadini Ewropej.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sal-Ġimgħa, 21 ta' Mejju, 2021, fil-5.00 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew).

Aktar informazzjoni dwar il-kumpanija, il-proġetti u r-repertorju tal-kumpanija jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku (www.zfinmalta.org).

Is-7 ta' Mejju, 2021

ŻFINMALTA

Audition Notice – ŻfinMalta

National Dance Company
Artistic Director Paolo Mangiola

ŻfinMalta National Dance Company of Malta is holding auditions for 1 female and 1 male apprentice dancer together with 1 male company dancer.

Dancers must possess excellent coordination skills, a solid background in classical ballet and contemporary dance practices and have the ability to adapt quickly to various working methods and processes.

Female dancers should feel confident with pointe work.

Applicants are asked to send their photos (face and body) CV and a short video link of max. 2 minutes to (vacancies@zfinmalta.org).

Shortlisted candidates will be invited to auditions on the 5th and 6th of June, 2021, at the Mediterranean Conference Centre in Valletta.

Successful applicants will enter into a paid contract with ŻfinMalta National Dance Company from September 2021 to July 2022.

The apprentice call is open to Maltese citizens only, whilst the company dancer position is open to EU citizens.

Application deadline: Friday, 21st May, 2021, at 5.00 p.m. (Central European Time).

Further information about the company its activities and repertoire may be obtained from the website (www.zfinmalta.org).

7th May, 2021

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Estenzjoni għas-sottomissjoni tat-Talbiet għall-Pagamenti għall-Bdiewa u r-Raħħala fuq Skemi Diretti u dawk Marbuta mal-Art

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), se testendi l-perjodu li fih tilqa' talbiet għal ħlas għas-sena 2021 fuq diversi skemi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea u kofinanzjati mill-Gvern Malti.

L-iskemi li wieħed jista' japplika għall-għajnuna finanzjarja taħthom huma:

Pagamenti Diretti;
Miżuri Agro-Ambjentali-Klima 2014-2020;
Miżuri ta' Biedja Organika 2014-2020;
Żoni b'Restrizzjonijiet Naturali.

It-talbiet għall-pagamenti se jibqgħu jintlaqgħu sa nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju, 2021, sat-3.00 p.m. Talbiet għal pagamenti sottomessi wara din id-data jkunu suġġetti għal penali ta' 1% kuljum sa' 25 ġurnata wara, jiġifieri sa nhar it-Tlieta, 29 ta' Ġunju, 2021. Talbiet sottomessi wara din id-data mhumiex se jkunu aċċettati.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

iżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt);
iċempel bin-numru 2292 6148;
jibgħat email lil (arpa.mafa@gov.mt).

Is-7 ta' Mejju, 2021

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, FOOD AND ANIMAL RIGHTS

Extension for the Submission of Payment Claims related to Direct and Area Aid Schemes for Farmers and Livestock Breeders

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries, Food and Animal Rights (MAFA), will be extending the period for the submission of payment claims for the year 2021 on various schemes co-financed by the European Union and the Maltese Government.

The financial aid schemes that one can apply for are:

Direct Payment Schemes;
Agri-Environmental-Climate Measures 2014-2020;
Organic Farming Measures 2014-2020;
Areas with Natural Constraints.

Payment claims will be accepted until Friday, 4th June, 2021, at 3.00 p.m. Payment claims submitted after this date will be subject to a penalty of 1% per day for up to 25 days, that is, up until Tuesday, 29th June, 2021. Claims submitted after this date will not be accepted.

For more information one may:

visit the Agency's website on (www.arpa.gov.mt)
call on 2292 6148;
send an email to (arpa.mafa@gov.mt).

7th May, 2021

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jgħarraf illi ħadd ma jista' jip-parkja mill-Ħamis, 20 ta' Mejju, 2021 sal-Ħadd, 23 ta' Mejju, 2021, fi Triq Santa Marija.

Is-7 ta' Mejju, 2021

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Ħal Safi Local Council notifies that no parking is allowed from Thursday, 20th May, 2021, till Sunday, 23rd May, 2021, through Triq Santa Marija.

7th May, 2021

KUNSILL LOKALI X-XEWKIJA

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali x-Xewkija jgħarraf lill-pubbliku li nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju, 2021, Pjazza San Ġwann Battista se tkun magħluqa għat-traffiku mill-5.00 a.m. sa nofsillejl. Triq Santa Katarina se tkun magħluqa għat-traffiku minn nofsinhar sal-5.00 p.m.

Is-7 ta' Mejju, 2021

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Xewkija Local Council notifies the general public that on Friday, 28th May, 2021, Pjazza San Ġwann Battista will be closed from 5.00 a.m. till midnight. Triq Santa Katarina shall be closed for traffic from noon till 5.00 p.m.

7th May, 2021

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 11 ta' Mejju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/47/2021. Provvista u konsenja ta' repair clamps 80mm-700mm għal metric ductile iron u imperial cast iron pipes għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/51/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' universal engine u transmission repair stand għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 17 ta' Mejju, 2021, għal:

Kwot Nru. WSC/Q/12/2021. Provvista u konsenja ta' warning tape blue għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 18 ta' Mejju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/52/2021. Konsolidazzjoni ta' network eżistenti għal provvista ta' ilma aħjar fi Triq Zammit Haber u Triq tal-Loġġa, ix-Xewkija, Għawdex, għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/50/2021. Xogħlijiet – konsolidazzjoni ta' network eżistenti għal provvista ta' ilma aħjar fi Triq il-Mitħna u Triq Ta' Semper, il-Qala, Għawdex, għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 19 ta' Mejju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/23/2021. Provvisti – provvista, konsenja u installazzjoni ta' surface pumps u electrical panels għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/31/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' grp cartridge filter housing, pipijiet u fittings għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 20 ta' Mejju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/42/2021. Provvista u konsenja ta' instrumentation lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 25 ta' Mejju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/24/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' stainless steel valves, check valves, studs, nuts, washers u fittings għall-impjanti tar-reverse osmosis tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 11th May, 2021, for:

Advt No. WSC/T/47/2021. Supply and delivery of repair clamps 80mm-700mm for metric ductile iron and imperial cast iron pipes for the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/51/2021. Supplies – supply and delivery of a universal engine and transmission repair stand for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Monday, 17th May, 2021, for:

Quot. No. WSC/Q/12/2021. Supply and delivery of warning tape blue for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 18th May, 2021, for:

Advt No. WSC/T/52/2021. Consolidation of existing network for improved water supply at Triq Zammit Haber and Triq Tal-Loġġa, Xewkija, Gozo, to the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/50/2021. Works – consolidation of existing network for improved water supply at Triq il-Mitħna and Triq Ta' Semper, Qala, Gozo, for the Water Services Corporation

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 19th May, 2021, for:

Advt No. WSC/T/23/2021. Supplies – supply, delivery and installation of surface pumps and electrical panels for the Water Services Corporation

Advt No. WSC/T/31/2021. Supplies – supply and delivery of grp cartridge filter housing, pipes and fittings for the Water Services Corporation

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 20th May, 2021, for:

Advt No. WSC/T/42/2021. Supply and delivery of instrumentation to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 25th May, 2021, for:

Advt No. WSC/T/24/2021. Supplies – supply and delivery of stainless steel valves, check valves, studs, nuts, washers and fittings for the reverse osmosis plants of the Water Services Corporation.

Avviż Nru. WSC/T/38/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' high-grade stainless-steel pipes, fittings u welding rods għall-impjanti tar-reverse osmosis tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/35/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' power factor correction capacitors for 6KV motors lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Kwot. Nru. WSC/Q/13/2021. Provvista u konsenja ta' suncreen lotion għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/ 36/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' stainless-steel pipes, flanges u fittings għall-impjant tar-reverse osmosis f'Għar Lapsi għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 28 ta' Mejju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/42/2021. Provvista u konsenja ta' automatic power factor correction units għall-Impjanti tar-Reverse Osmosis lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 1 ta' Ġunju, 2021, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/53/2021. Provvisti – bażi ta' ftehim għall-provvista, tagħbija u wżin ta' hot rolled asphalt lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju, 2021, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/46/2021. Servizzi ta' quality assurance b'konnessjoni ma' diversi proġetti tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 8 ta' Ġunju, 2021, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/54/2021. Servizzi – bażi ta' ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' fiberglass reinforced plastic pipes, fittings u wrapping għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

*Avviżi/kwotazzjoni li qed jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Advt No. WSC/T/38/2021. Supplies – supply and delivery of high-grade stainless-steel pipes, fittings and welding rods for the reverse osmosis plants of the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/35/2021. Supplies – supply and delivery of power factor correction capacitors for 6KV motors to the Water Services Corporation.

*Quot. No. WSC/Q/13/2021. Supply and delivery of sunscreen lotion for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 26th May, 2021, for:

Advt No. WSC/T/36/2021. Supplies – supply and delivery of stainless-steel pipes, flanges and fittings for Għar Lapsi reverse osmosis plant to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 28th May, 2021, for:

Advt No. WSC/T/41/2021. Supply and delivery of automatic power factor correction units for the Reverse Osmosis Plants to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 1st June, 2021, for:

*Advt No. WSC/T/53/2021. Supplies – framework agreement for the supply, loading and weighing of hot rolled asphalt to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 4th June, 2021, for:

*Advt No. WSC/T/46/2021. Services of quality assurance in connection with various projects of the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 8th June, 2021, for:

*Advt No. WSC/T/54/2021. Services – framework agreement for the provision of fiberglass reinforced plastic pipes, fittings and wrapping services for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

*Advertisements/quotation appearing for the first time

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom onlajn. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

is-7 ta' Mejju, 2021

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 13 ta' Mejju, 2021.

Avviż Nru. 43. Kiri tale quale tal-Ħanut A/B, Triq il-Marrubja, Iż-Żejtun, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 7/80/60. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €13,740 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u ħames mija u tmenin ewro (€4,580) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 44. għall-perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena għal skopijiet mhux residenzjali, tale quale fl-istat li jinsab fih iklużi xi difetti li jista' jkun fih, tal-Fond f'Nru. 219, Triq Sant'Ursola, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.334_91_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tletin elf u tmien mija u ħmistax-il ewro (€30,815) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 45. Bejgħ tale quale ta' sit fi Triq Għar Ram. Ħal Qormi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2020_0693. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt mija u tmenin elf ewro (€680,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

7th May, 2021

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 13th May, 2021.

Advt No. 43. Lease tale quale of a Shop A/B, Triq il-Marrubja, Żejtun shown edged in red on plan L.D.7/80/60. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €13,740 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and five hundred and eighty euro (€4,580) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 44. Grant on a temporary emphyteusis for a period of forty-five (45) years for non-residential purposes tale quale in its present state including any latent defects, of the Premises at No. 219, Triq Sant'Ursola, Valletta, shown edged in red on plan P.D.334_91_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirty thousand and eight hundred and fifteen euro (€30,815) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 45. Sale tale quale of a site at Triq Għar Ram, Ħal Qormi, shown edged in red on plan P.D. 2020_0693. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six hundred and eighty thousand euro (€680,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 27 ta' Mejju, 2021.

*Avviż Nru. 46. Bejgħ tale quale ta' sit fuq wara ta' Plot Nru. 5, Triq Villa Rosa, San Ġiljan, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2018_0496. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur il-proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €16,300 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tlieta u sittin elf ewro (€163,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru. 47. Kiri tale quale minn sena għal sena sa massimu ta' ħmistax-il (15) sena ta' sit biex fuqu jiġi mibni kjosk għal użu ta' Tourist Information Services u in parti għal użu kummerċjali taħt kategorija 'D' – użu kummerċjali limitatament fil-klassi 4B – Bejgħ bl-Imnut, skont l-Avviż Legali 74/2014. Dan is-sit jinsab fi Triq Ross kantuniera ma' Triq San Ġorġ, San Ġiljan, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2015_0879. L-offerti għandom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €11,332 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef u seba' mija u erbgħa u erbgħin ewro (€3,744) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru. 48. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fl-20 ta' Diċembru, 2033, tal-ħanut f'Nru. 4, Tal-Miħna Housing Estate, Il-Gudja, kif muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 4 fuq il-pjanta P.D.19_83_7_1. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €12,150 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u ħamsin ewro (€4,050) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Ma ssirx rifużjoni għal flus li jkunu diġà tħallsu għad-dokument tal-offerta.

Is-7 ta' Mejju, 2021

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 27th May, 2021.

*Advt No. 46. Sale tale quale of a site at the back of Plot No. 5, Triq Villa Rosa, San Ġiljan, shown edged in red on plan P.D. 2018_0496. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €16,300 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and sixty-three thousand euro (€163,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advt No. 47. Lease tale quale on a year to year basis up to the maximum of fifteen (15) years of a site to be used for the construction of a Kiosk for Tourist Information Services and partly for commercial use as per Category 'D' – limited for commercial use in Class 4B retail as per Legal Notice No. 74/2014. This site is situated at Triq Ross cornering with Triq San Ġorġ San Ġiljan, as shown edged in red on the plan P.D.2015_0879. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €11,232 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand and seven hundred and forty-four euro (€3,744) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

*Advt No. 48. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 20th December, 2033, of the shop at No. 4, Tal-Mithna Housing Estate, Gudja, as shown edged in red and marked No. 4 on plan P.D.19_83_7_1. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €12,150 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and fifty euro (€4,050) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta.A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advertisements appearing for the first time

Tenders should be submitted only on the prescribed form, together with the relevant conditions and other documents, that are obtainable from the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. Tender fees are non-refundable.

7th May, 2021

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

Direttorat għas-Servizzi Edukattivi

Ref: GCS/05/2021

Id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, Ministeru għall-Edukazzjoni (Uffiċċju tal-Kulleġġ ta' Għawdex) jgħarraf li offerti magħluqa mmarkati GCS/05/2021 – Quotation for the supply and delivery of a special needs hygiene and toileting system se jintlaqgħu b'ittra elettronika lil (christine.axiak.2@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mit-8.00 a.m., tat-Tnejn, 24 ta' Mejju, 2021, għal:

Kwot. Nru. GCS/05/2021. Provvista u konsenja ta' sistema ta' iġjene u toileting għal persuni bi bżonnijiet speċjali

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru billi tintbagħat ittra elettronika fl-indirizz elettroniku ta' hawn fuq.

Is-7 ta' Mejju, 202

IL-FONDAZZJONI TAL-KONKATIDRAL TA' SAN ĠWANN

Il-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann tgħarraf lill-offerenti prospettivi biex jissottomettu l-offerta tagħhom għal:

Produzzjoni u provvista ta' installazzjoni ta' projezzjoni bażika awdjo-viżiva għall-Caravaggio Wing fil-mużew tal-Konkatidral ta' San Ġwann relatata mal-proġett ERDF.PA5.0109 (REF: STJCF005/21)

Id-dokumenti tal-offerta huma disponibbli minn (www.stjohnscocathedral.com/procurement)

Aktar dettalji jinkisbu min-numru tat-telefown 2122 0536 jew b'ittra elettronika lil (info@stjohnscocathedral.com)

Dokumenti ssiġillati għandhom jiġu ippreżentati sal-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju, 2021, fis-2.00 p.m.

Is-7 ta' Mejju, 2021

MINISTRY FOR EDUCATION

The Directorate for Educational Services

Ref: GCS/05/2021

The Directorate for Educational Services, Ministry for Education (Gozo College Secondary School) notifies that sealed offers, marked GCS/05/2021 – Quotation for the supply and delivery of a special needs hygiene and toileting system will be received by email to (christine.axiak.2@ilearn.edu.mt) by not later than 8.00 a.m. of Monday, 24th May, 2021, for:

Quot. No. GCS/05/2021. Supply and delivery of a special needs hygiene and toileting system

Relevant documents may be obtained by sending an email on the above email address.

7th May, 2021

THE ST JOHN'S CO-CATHEDRAL FOUNDATION

The St John's Co-cathedral Foundation notifies prospective bidders to submit an offer for:

Production and supply of a projection-based audio-visual installation for the Caravaggio Wing at St John's Co-Cathedral Museum in relation to the project ERDF.PA5.0109 (Ref: STJCF005/21)

Tender documents are available from (www.stjohnscocathedral.com/procurement)

More details can be obtained through telephone number 2122 0536 or by email to(info@stjohnscocathedral.com).

Sealed tenders are to be submitted until Friday, 11th June, 2021, at 2.00 p.m.

7th May, 2021

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
'It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna'
Offerta parzjalment iffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' kofinanzjament: 80% Fondi mill-UE; 20% Fondi Nazzjonali

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
'Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges'
Tender part-financed by the European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li s-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan qiegħda tħabbar il-pubblikazzjoni għal sejħa ta' kwotazzjoni għall-provvista, konsenja, installazzjoni u kummissjonar ta' DC Inverter Split type AC units (kwantità hawn taħt) inklużi sheated wires għal komunikazzjoni, pajpijiet tar-ram thermal insulated adattati għal R32 refrigerant, xogħol ta' pajpijiet tad-drain tal-PVC, infra-red remote controllers, xogħol u l-hardware tal-immuntar kollu meħtieġ għall-installazzjoni bħala parti mill-proġett 'Ħolqien ta' sala għall-esibizzjonijiet u spazju kreattiv f'Palazz Narbona, Ħal Qormi'.

Kwantità: 1 x 12K BTU
Kwantità: 2 x 24K BTU

Dawk interessati għandhom jibagħtu ittra elettronika lis-Segretarju Ġenerali s-Sur Simon Falzon fl-indirizz elettroniku (secretarypintoband@gmail.com).

Id-data tal-għeluq hija l-Ħamis, 27 ta' Mejju, 2021.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Volontary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem is-Segretarjat Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u l-Għaqdiet Volontarji fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja.

Is-7 ta' Mejju, 2021

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li l-Emergency Response and Rescue Corps qiegħda tippubblika sejħa għal offerta.

L-Emergency Response and Rescue Corps qed tippublika din is-sejħa għal offerta għax-xiri ta' ambulanza bħala parti mill-proġett tal-VOPS bl-isem Emergency Ambulance.

Dawk interessati huma mitluba jibatu ittra elettronika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali fuq (admin@errcmalta.com). L-ittra għandha tinkludi:

L-għamla u t-tip;
Is-sena tal-manifattura;
L-ammont ta' mili;
Il-Licenzja li hemm bżonn biex tinstaq l-ambulanza (B jew C1);
Lista ta' tagħmir inkluż mal-ambulanza.

Is-sottomissjonijiet għandom jintbagħtu sa mux aktar tard mill-Ħamis, 27 ta' Mejju, 2021.

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan is requesting a call for quotations for the supply, delivery, installation and commissioning of DC Inverter Split type AC units (quantity below) including sheated communication wiring, thermal insulated copper pipework suitable for R32 refrigerant, u-PVC drain pipework, infra-red remote controllers, labour and all the mounting hardware required for a complete installation as part of the VOPS (77/2020) project titled 'Setting up an exhibition hall and creative space at Palazzo Narbona, Ħal Qormi'.

Quantity: 1 x 12K BTU
Quantity: 2 x 24K BTU

Prospective bidders are invited to send an email to the Secretary Mr Simon Falzon on email address (secretarypintoband@gmail.com).

Deadline for submission is Thursday, 27th May, 2021.

This project has been funded through the voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector on behalf of Parliamentary Secretariat for Sports, Recreation and Voluntary Organisations within the Ministry for Inclusion and Social Wellbeing.

7th May, 2021

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta council for the Voluntary Sector notifies that the Emergency Response and Rescue Corps is issuing a call for tender.

The Emergency Response and Rescue Corps (VO 503) is issuing this tender for the purchase of an ambulance as part of the VOPS project titled Emergency Ambulance.

Prospective tenderers are invited to send an email addressed to the Secretary General at (admin@errcmalta.com) listing the below details:

Make and Model;
Year of manufacture;
Mileage;
License category (B or C1);

List of equipment included with the ambulance.

Deadline for submissions is Thursday, 27th May, 2021

Id-dokument tal-offerta huwa aċċessibbli minn:

(https://netorg7480408-my.sharepoint.com/:b:/g/personal/waterrescue_errcmalta_com/EVVhgdEhPrFMu6NlTvjXK6cBiwnmIE9XczuMEXCujGG2Cg).

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Volontary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem is-Segretarjat Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u l-Għaqdiet Volontarji fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja.

Is-7 ta' Mejju, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0705U21 se jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, 13 ta' Mejju, 2021.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Is-7 ta' Mejju, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, it-28 ta' Mejju, 2021. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 012-0416/21. Żarmar, tibdil, provvista, installazzjoni u kkummissjonar ta' lift ġdid fl-Isptar Sir Paul Boffa.

CFT 021-0417/21. Bortezomib 3.5mg vials
CFT 021-0418/21. Atomoxetine capsules
CFT 021-0419/21. Belimumab solution for injection
CFT 020-0420/21. Gloves long cuffed PF non sterile nitrile sz small
CFT 020-0421/21. Gloves long cuffed PF non sterile nitrile sz XL
CFT 021-0422/21. Alphacalcidol 0.25Mcg capsules
CFT 021-0423/21. Vitamin A and D capsules
CFT 021-0424/21. Calcium tablets/chewable tablets 500mg
CFT 021-0425/21. Pilocarpine hydrochloride 2% eye drops in 10ml droptainer

Tender document can be accessed from:

(https://netorg7480408-my.sharepoint.com/:b:/g/personal/waterrescue_errcmalta_com/EVVhgdEhPrFMu6NlTvjXK6cBiwnmIE9XczuMEXCujGG2Cg).

This project has been funded through the voluntary Organizations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector on behalf of Parliamentary Secretariat for Sports, Recreation and Voluntary Organisations within the Ministry for Inclusion and Social Wellbeing.

7th May, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference No. 0705U21 will be received up to noon on Thursday, 13th May, 2021.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

7th May, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

